



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-21 ta' Novembru 2017 – VE**

**(Kawża C-232/17)<sup>1</sup>**

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Kuntratt ta' self, f'munita barranija – Assenza ta' preċiżazzjonijiet suffiċjenti dwar il-kuntest fattwali u leġiżlattiv tal-kawża prinċipali kif ukoll ir-raġunijiet li jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' risposta għad-domandi preliminari – Inammissibbiltà manifesta”

1. *Domandi preliminari – Ammissibbiltà – Neċessità li tingħata informazzjoni suffiċjenti lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kuntest fattwali u leġiżlattiv– Indikazzjoni tar-raġunijiet li jiġġustifikaw in-neċessità ta' risposta għad-domandi preliminari*

*(Artikolu 267 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 23; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 94)*

*(ara l-punti 16-18)*

2. *Domandi preliminari – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Limiti – Domandi ġenerali jew ipotetiċi – Inammissibbiltà manifesta*

*(Artikolu 267 TFUE)*

*(ara l-punt 24)*

### **Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Budai Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' April 2017, hija manifestament inammissibbli.

<sup>1</sup> ĠU C 256, 7.8.2017.